# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- ZWIEG NULL: ESKLUZZJONI POZITTIVA TAZ-ZWIEG -**

**- ARTIKOLU 19 (1) (F) KAP. 255 -**

## Illum 3 ta' Dicembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 163 / 12RGM

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tat-18 ta' Lulju 2012 ippresentat mill-attur A B li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-18 ta' Gunju 2010 gewwa ir-Registru Pubbliku Valletta, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

3. Illi l-kunsens tal-intimata kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif kontemplat fl-artikolu 19(1 )(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla e£fett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-riseptt lil din l-Onorabbli Qorti joghghobha:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti nhar it-18 ta' Gunju 2010 ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tordna li dina in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B , li permezz taghha ssottomettiet is-segwenti:

1. Illi l-konvenuta taqbel maz-zewg talbiet ta' l-attur u cjoe illi z-zwieg taghhom ghandu jigi dikjarat null: u ghandu konsegwentement jigi registrat bhala tali izda tirrileva illi d-dikjarazzjoni ta' nullita ghandha tkun minhabba ragunijiet imputabbli solament lill-attur fis-sens illi kien il-kunsens ta' l-attur illi kien vizzjat skond l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux il-kunsens tal-konvenuta illi kkuntrattat iz-zwieg ma' l-attur b'kunsens validu kif rikjest mil-ligi u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa in subizzjoni .

Rat in-nota tal-attur tas-16 ta’Ottubru 2012 li biha ddikjara li ma gew inizzjati ebda proceduri quddiem it-Tribunal Ecclesjastiku, u ppresenta l-affidavit tieghu market Dok MC1, Fol. 17 sa 19 tal-process;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-konvenuta, li xehdet fis-seduta tad-9 ta’ April 2013, Fol. 34 sa 50 tal-process;

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta’ Mejju 2013, li biha pprezenta l-affidavit tieghu, Fol. 54 sa 56 tal-process;

Rat l-affidavit ta’ Mary Carmen B , omm l-attur, Fol. 58 sa 60 tal-process;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2013, meta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-attur tal-4 ta' Gunju 2013 li biha ezebixxa estratt minn chats li kellu mal-konvenuta fuq sit elettroniku, u ix-xhieda tieghu dwar l-istess dokument Fol. 80 u 81 tal-process;

Rat l-affidavit ta' Lorna Aquilina, oht l-attur, Fo. 85 sa 88 tal-process;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Lalo Ivanov, Fol. 89 sa 93 tal-process, li xehed fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, u ta' Daniel Debattista, kugin tal-attur, li xehed fl-istess seduta;

Rat ix-xhieda tal-attur li xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol. 103 sa 107 tal-process;

Rat l-affidavit tal-konvenuta, Fol. 112 sa 119 tal-process;

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-attur, li xehed fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xiehda ta' Lorna Aquilina, Fol. 157 tal-process, ta' Mary Carmen B , Fol. 158, u tal-attur, Fol. 159, li xehedu fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-kontro-ezami tal-attur, ta Daniel Debattista u ta' Lalo Ivanov li xehdu fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, Fol. 171 et seq. tal-process;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat.

**PROVI TAL-ATTUR.**

Fl-affidavit tieghu, l-attur iddikjara li sar jaf lill-konvenuta fis-sena 2008, fuq l-internet. Wara xahar u nofs mar jiltaqa' maghha f'pajjizha, il-Macedonia. Dam hemm tlett gimghat u r-relazzjoni taghhom jiddeskriviha bhala 'eccellenti'. L-attur rega' mar hemm ghal darba ohra, u wara hi ddecidiet li tipprova tigi tghix

Malta u giet f'Gunju 2009, kellha permess ghal tlett xhur, u ghexet fil-post propjeta' tal-attur.

Tkellmu dwar il-possibilita' ta' zwieg, pero' filwaqt li hi kienet entuzjasta dwar dan, l-attur deherlu li kien ghadu kmieni wisq. Il-konvenuta tant riedet tarbija, li fl-intimita' ta' bejniethom ma kienu juzaw ebda tip ta' kontracettiv. Irrnexxhielha ggib estensjoni tal-visa ghall-sitt xhur, biex ikunu jistghu jizzewwgu. F'dan iz-zmien, il-konvenuta kienet turi imhabba, rispett u attenzjoni kontinwa fil-konfront tieghu.

Izzewwgu fir-Registru fit-18 ta' Gunju 2010, xtaqu jizzewwgu fil-Knisja pero' fiz-zmien qasir li ddecidew dan ma kienx possibli. Il-konvenuta sabet xoghol, part time bhala ghalliema tal-Ingliz. Izzewwgu fil-parrocca ta' Hal Balzan fit-28 ta' Awissu 2010.

L-attur jghid li minn l-ghada tat-tieg il-konvenuta nbidlet kompletament, minn mara nadifa li thobbu u tirrispettah, saret mara bierda kompletament, qisu kien 'fuq l-istonku taghha'. Minn Settembru 2010 sal-gurnata li telqet mid-dar, il-konvenuta wafqet mit-tisjir u t-tindif tad-dar. 'Id-dar kienet saret qisha stalla'' tant li l-attur ma kien jista' jgib lil hadd id-dar, kien hemm okkazzjoni meta il-Kappillan gie jbierek u kellu jghidlu biex jigi aktar tard biex jilhaq inaddaf.

Dwar l-intimita', l-attur ddikjara li l-konvenuta mill-entuzjazmu u passjoni li kellha fil-konfront tieghu qabel iz-zwieg, saret bierda ghall-ahhar mieghu, u l-att sesswali sar xi haga sfurzata bla ebda emozzjoni. Wara z-zwieg, l-konvenuta kienet tinsisti li dejjem juzaw kontracettiv, l-att sesswali fiz-zwieg ma kienx miftuh ghall-prokrejazzjoni tat-tfal.

Naqset drastikament il-komunikazzjoni ta' bejniethom. Meta kien jigi lura d-dar wara gurnata xoghol kienet issahhan xi haga fil-microwave u tmur fuq il-komputer, fuq ic-chat tikkommunika mal-qraba taghha fil-Macedonia, haga li l-attur ma setghax isegwi billi ma jifhimx il-lingwa Macedona.

F'Awwissu 2011 telqet mid-dar, cemplitlu meta kien ix-xoghol biex tghidlu, tfiet il-mobile u ghamel jumejn ma jafx fejn marret. Ghamel rapport lil Pulizija u wara hames tijiem cemplitlu, ltaqghu u ftehmu li jmorru counselling ghand Fr Paul B u Dr Peter Muscat, billi kien qed ihossha *depressed* boghod mill-familja taghha.

F'Settembru 2011 regghu marru jghixu flimkien, pero' xahrejn wara bdiet tircevi messaggi bil-lejl u rrizulta li kellha relazzjoni ma' ragel Bulgaru, u fi Frar l-attur sar jaf li kienet harget tqila minn haddiehor. Hu ddikjara li kien ilu ma jkollu x'jaqsam sesswalment maghha minn Novembru 2011. Hu jaf li martu kellha tarbija minn haddiehor u kkonferma li ser jipprocedi legalment biex ismu ma jidhirx fuq l-att tat-twellid taghha.

**Mary Carmen B , omm l-attur**, fl-affidavit taghha, kkonfermat li ltaqghet mal-konvenuta fis-6 ta' Lulju 2009 meta giet Malta ghall-vakanza. Hi kienet taf li binha kien f'relazzjoni maghha, u li kien mar f'pajjizha darbtejn. Meta giet Malta stidnitha fid-dar taghha, fejn kien ghadu jghix l-attur, u l-konvenuta damet ghandha seba' gimghat. Irrealizzat li l-konvenuta kienet giet biex tibqa' hawn billi gabet hwejjigha kollha, qalet lil binha li wara Settembru ma rieditx lill-konvenuta aktar f'darha, u ghalhekk marru jghixu fil-post tieghu f'Hal Qormi.

Meta saret taf li kienu ser jizzewwgu f'qasir zmien, omm l-attur kienet issorprendiet ruhha ghall-ahhar. Ghalhekk issuggeritilhom li ma jghagglux daqshekk, izda l-konvenuta fakkritha bil-problema li kellha bil-visa billi ma kienx possibbli ghaliha li tirritorna il-Macedonia kull tlett xhur. Ix-xhud iddikjarat illi l-partijiet u ma kienux qed jirrealizzw li kienu ser jizzewwgu 'for the wrong reason'.

Hi kkonfermat li binha hu bniedem rizervat, id-decizjonijiet tieghu johodhom wahdu u kien semplicement jinforma lill-genituri bid-decizjonijiet tieghu. Hi ghenet hafna lill-konvenuta fil-preparazzjonijiet ghaz-zwieg. Ikkonfermat li qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet izzomm id-dar nadifa, pero', sfortunatament, is-sitwazzjoni nbidlet kompletament wara iz-zwieg. Il-konvenuta kienet qaltilha li ma kellha l-ebda interess la li issajjar u lanqas li tnaddaf, id-dar mhux taghha izda tal-attur.

Ix-xhud ikkonfermat li l-konvenuta bdiet izzomm certu distakk mill-familja ta' zewgha, u l-vizti ghand xulxin wafqu. Hi kienet kuntenta li regghu marru flimkien, wara li l-konvenuta kienet telqghet mid-dar, izda finalment binha qalilha li l-konvenuta ammettiet li kellha relazzjoni ma' ragel iehor. Kelmitha fuq facebook, u l-konvenuta qaltilha li  bl-attur u minghajru kienet ser tibqa' Malta, u li kienet ma' ragel iehor.

**Lorna Aquilina, oht l-attur** ukoll ikkonfermat li l-konvenuta inbidlet kompletament wara iz-zwieg; minn mara ferrieha 'always smiling' saret mara distakkata minn kulhadd tant li anke meta kienet tkun mistiedna ghall-ikel ghand il-genituri tar-ragel, kienet toqghod kwieta u ma tkellem lil hadd. Dan kien l-atteggjament taghha f'kull okkazjoni tal-familja.

Il-koppja kienu qed jiggieldu ta' spiss, darba meta gabet qattus id-dar minghajr ma qaltlu, darba ohra meta ghamlet tattoo u ma qaltlux. Ir-relazzjoni taghhom baqghet tiddeterjora, ghamlu zmien qasir flimkien meta ippruvaw jirrikonciljaw, wara li tkellmu mal-konsulenti, izda xi zmien wara  skoprew minn fuq facebook li kellha relazzjoni ma' Lalo Ivanov. Hi telqet b'mod permanenti mid-dar matrimonjali f' Novembru 2011.

**Lalo Ivanov** xehed li sar jaf lill-konvenuta fl-ESC School f'Paceville li hi skola tal-Ingliz, u beda jmur id-dar taghha ghall-privat wara li jispicca mix-xoghol, anke r-ragel taghha, l-attur kien ikun hemm. F'Awwissu 2011 telqet mid-dar billi kellha problemi mar-ragel, u hu kien ghinha biex igorr ghall-flat li kriet f'San Pawl il-Bahar. Hu kkonferma li bdew ir-relazzjoni taghhom, f'Awwissu. Wara l-konvenuta regghhet marret ma' zewgha biex issalva iz-zwieg. Hu ammetta li kellu relazzjonijiet intimi maghha f'dan l-appartament, u f'Novembru 2011 telqet lir-ragel u marret tghix mieghu il-Qawra. Huma baqghu f'din ir-relazzjoni, u f'Frar 2012 saru jafu li l-konvenuta kienet tqila minnu.

In kontro-ezami ix-xhud ikkonferma li billi hu Bulgaru u hi mill-Macedonja kienu jifhmu il-lingwi ta' xulxin, u kien ghal din ir-raguni li giet irrakkomandata lilu biex tghallmu l-Ingliz. Hi kienet qaltlu li l-lingwa kienet ta' ostakolu kbir, billi l-genituri tal-attur kienu jitkellmu bil-malti, li ghaliha kienet offiza billi ma kinitx tifhem. Kien jkollha hafna argumenti ma' zewgha, billi hu kien jippretendi li sseftirlu, mentri hi ma kellhiex il-hin billi kellha tipprepara il-lezzjonijiet. Hi xtaqghet li jkollha familja ma' zewgha izda ommu kienet tghidilha li kienu ghadhom zghar wisq, ma kellhomx mezzi u hu kien jgieghlha tiehu l-kontracettivi. F' Novembru 2011 wara li kellha argument ma' zewgha,marret tghix mieghu permanentement il-Qawra.

**PROVI TAL- KONVENUTA.**

Il-konvenuta, fl-affidavit taghha, Fol. 112 sa 119 tal-process, ikkonfermat li saret taf lill-attur f'Settembru 2008 fuq l-internet. Saru hbieb, stednitu, u mar ghandha id-dar ta' ommha, fejn kienet tghix hi, ghall-gimghatejn. Wara xaharejn rega' mar ghall-hmistax ohra, saru jinhabbu u stidinha tigi ghandu Malta biex jkomplu r-relazzjoni taghhom. Hi deherilha li kien ser ikollha problema ta' visa izda hu assikuraha li darba li tkun hawn tkun tista tahdem u ggib *work permit*. Kien anke semma z-zwieg 'as a last resort'.

Hi ddikjarat li kienet kuntenta li l-attur ipproponilha li tigi Malta u tghix mieghu billi kienet thobbu u hu kien ihobb lilha. Giet Malta fis-sajf tas-sena 2009, u marret tghix ghand ommu, li ttrattatha ta' 'guest'. Il-genituri tieghu pero' ma kienhux jafu li ma gietx ghall-vakanza, izda biex tibqa'. Wara xaharejn ghalhekk telqu minghand il-genituri tieghu, u marru ghal rashom fil-post tal-attur f'Hal-Qormi.

Meta ghalqu t-tlett xhur tal-visa, marru ma' ommu fid-Dipartiment, u din talbet estensjoni ta' sitt xhur billi xtaqu jizzewwgu u kellhom bzonn biex jippreparaw. Dan kien qabel ma huma kienu ddecidew li jizzewwgu. Wara li ghamlu xi xhur jghixu flimkien l-attur ippropona u hi accettat. Tgharrsu f'Jannar 2010, u infurmaw lill-genituri tieghu li kienu ser jizzewwgu fis-sajf. Ommu ma haditx pjacir b'din l-ahbar, u dan kien ta' sorpriza ghall-konvenuta billi ommu fl-ufficju

tal-visa kienet qalet li riedu jizzewwgu qabel ma fil-fatt huma kienu hekk iddecidew.

Billi s-sitt xhur tal-visa kienu kwazi ghalqu l-attur ippropona li l-ewwel jizzewgu fir-Registru, billi ma kienx hemm zmien biex jigi organizzat zwieg fil-Knisja.

Izzewgu fir-Registru fit-18 ta' Gunju 2010 u fil-Knisja, xahrejn wara f'Awissu 2010. Il-konvenuta ddikjarat li ghaliha zwieg ifisser tfal, mhabba, komprensjoni, rispett u appogg. Ghalkemm persuna religjuza, tant kienet thobbu li xtaqet li jkollha tarbija minnu sa minn qabel li zzewwgu imma hu ma riedx tant li kienu juzaw kontracettivi biex jevitaw it-tqala. Hu lanqas kellu fiducja fuq kemm kienet effikaci l-pillola, kien jikkontrolla jekk kienitx tohodha u xorta kien juza condom u ma jegekolax fiha, biex zgur ma tinqabadx tqila.

Hi cahdet li wara li zzewwgu bir-Registru u qabel ma zzewgu bil-Knisja, hi ma riditx tinqabad tqila ghax tehxin minnhabba il-libsa taz-zwieg. Tghid li l-attur kien ddecida li kien ghadu kmieni wisq ghat-tfal, u ghalhekk biex ma jkollhomx inkwiet hi ma kinitx igib d-diskors fuq it-tfal. Anke ommu kienet tal-fehma li kien kmieni wisq ghat-tfal u hu kien jaqbel ma' ommu fuq din il-kwistjoni.

Hi kkonfermat li qabel iz-zwieg, u anke wara li zzewwgu fir-Registru, kienu sesswalment attivi, is-sitwazzjoni nbiddlet wara li zzewwgu fil-Knisja, meta hu bired minnha, u ma kienx iffittxha. Fl-istess lejl wara li zzewwgu ghamlu circa tlett sighat jippakjaw dak li kien fadal mit-tieg, flok gawdew l-intimita' ta' xulxin. Ghal qamar il-ghasel marru cruise fl-Adrijatiku u kellhom kabina b'zewg single beds u kien ta' disappunt ghaliha li l-attur lanqas biss ipprotesta.

Wara li gew lura mill-cruise ir-relazzjonijiet intimi komplew jonqsu. Dejjem kien jirrifjutha u jghidilha li kien ghajjin, kien jara it-televison u jmur jorqod. Hbieb ma kellhomx dejjem id-dar jaraw it-TV, nhar ta' Sibt flok johorgu bhal ma jaghmlu koppji tal-eta' taghhom, kienu jmorru ghand il-genituri tieghu biex jindukrawlhom il-kelb sakemm johorgu. Hu baqa' attakkat mal-familja tieghu, kull nhar ta' Hadd kienu jqattghu granet shah ghandhom, kienu jmorru xi darbtejn ohra waqt il-gimgha, kienu jitkellmu bil-Malti, u hi kienet thossha offiza u li dan kien nuqqas ta' rispett. Kien dejjem jiehu l-parir ta'ommu u mhux taghha.

Hi tirrileva li qabel bdiet tahdem kellha il-hin biex tiehu hsieb id-dar, izda wara li bdiet tahdem bhala ghalliema ma kienx ikollha tant hin billi kellha tipprepara ghax-xoghol mid-dar, u bejn s-2.20 pm u l-4.30 pm meta jirritorna hu mix-xoghol, ma kienx hemm hin sufficjenti ghall-facendi tad-dar. Din kienet cirkostanza li kabbret id-disgwid bejniethom billi hu kien jippretendi it-tisjir u l-indafa fid-dar.

Hu qatt ma kien jkun kuntent b'dak li kienet taghamel, kien igerger u jikkritika u ma kien jghin f'xejn. Kien jilmenta mis-sitwazzjoni finanzjarja, ix-xiri kien limitat

ghal dak li ried hu u mhux dak li riedet hi, u meta ssemmielu t-tfal jghidilha li finanzjarjament ma kienux stabbli ‘so we couldn’t afford having a baby’.

Hu ma kienx jaghtiha flus ghall-hajja, hi kienet taqla’ Euro300 fix-xahar li kienet tonfoq fuq htigijiet ghad-dar u ohrajn personali. Hu qatt ma kien jikkontribwixxi xejn. Anke l-ghamara fid-dar kienet karenti, kien jikkuntenta bil-borom li ma kienitx ghadha tuza ommu, qatt ma kien jixtrihilha hwejjeg. Ma kienx jaghti kasha, ma kienx iffittex l-opinjoni taghha fuq xejn, kien jiehu biss il-parir ta’ ommu. Qatt ma kien juriha li jhobbha, qatt ma kien jikkumplimentaha, kienet thoss li hi s-seftura u mhux martu. Kien jonhor u jekk tipprotesta kien jghidilha tmur torqod band’ ohra. Ma baqghax jiehu hsieb l-indafa personali tieghu, kien jahsel snienu darba fil-gimgha flok kulljum, meta jersaq lejha kien jkollha ddur in-naha l-ohra billi ‘the smell was unbearable’, zied ghoxrin kilo (20kg) fil-piz u kien jwahhal fiha minnhabba l-ikel li kienet taghtih.

F’Awwissu 2011 qaltlu li jekk jibqa’ sejjer hekk kienet ser titilqu, kien jirranga ghall-gurnata jew tnejn izda wara jirritorna ghal dak li kien. Kienu kelmu psikjatra, u hi kkonkludiet li hu kellu bzonn din il-konsulenza u mhux hi. Ippruvat tirranga s-sitwazzjoni, tkun aktar attrajenti fil-konfront tieghu, izda hu ma wera l-ebda interess, jorqod u jonhor u ma jaghtix kasha. Qaltlu li jekk jibqa’ jinjoraha titilqu u ssib ragel iehor. Bdew jargumentaw, qaltlu li ghandha lil haddiehor u wara tlett ijiem qallha biex titlaq mid-dar u hekk ghamlet, kien Novembru 2011. Meta sar jaf li kienet tqila qalilha li ma jhoss xejn ghaliha.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attur qed jitlob li z-zwieg jigi annullat billi il-kunsens tal-intimata kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ giudizzzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u li l-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga skond l-Artikolu 19(1)(f) ta l-istess Kap 255.

Il-konvenuta taqbel li z-zwieg jigi dikkjarat null izda dan unikament ghar-ragunijiet imputabbli ghall-attur.

Skond l-attur, tant inbidlet fl-atteggjament taghha il-konvenuta, fi ftit zmien u b’mod radikali u dan propju immedjatament wara z-zwieg, li hu jikkontendi li hi effettivament ma kellha l-ebda intenzjoni li tizzewwgu, u li zzewwget biex tkun tista’ titlaq minn pajjizha, u tistabbilixxi r-residenza taghha f’Malta, cioe’ zwieg ta’ konvenjenza. Il-konvenuta mill-banda l-ohra tallega li l-konvivenza mal-attur kienet saret impossibbli, u li l-fissazzjoni tieghu li ma jkollhomx tfal, sia qabel kif ukoll wara z-zwieg, wassalhom biex qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi miftuha ghall-prokreazzjoni tal-ulied.

Dwar il-kawzali skond l-**Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255** inghad fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Atkins vs Matilde Atkins"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

"Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."

Fil-kawza "**Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

"Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."

Fil-kawza "**Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 ntqal 'inter alia' is-segwenti:

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta'giudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostiuzzjonali li wiehed jaghraf u jirrefletti u li jiddecidi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."

Dwar il-kawzali skond l-**Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255** fil-kawza fl-ismijiet"**Magri vs Magri** "deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 gie dikjarat li: "Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg hu wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."

Fil-kawza fl-ismijiet" **Al Chahid vs Mary Spiteri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002 inghad li:" wiehed jinnota li taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' il-kunsens tieghu kien gia' mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma'

xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et noe**." deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 ntqal li:

"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed jrid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* z-zwieg.......hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."

Dwar **zwieg ta' konvenjenza**, gie ritenut li:

"Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija u/jew id-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu." (**MaryRose Abder Tahim vs Esam AbderRahim** ( PA 31.05.2000) u **Carmen El Shimi gia' Tanti vs Ibrahim Mohammed El Shimi** (PA 20.06.2002)).

Intqal ukoll li:

"Meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi iz-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament." (**Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida** (PA 10.10.1995) u **Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk** (PA 16.01.1998)

Ikkunsidrat;

**Bdil Drammatiku fuq iz-Zewg Nahat Appena Zzewgu**.

**Dwar l-attur**.

Ezaminati l-atti il-Qorti hi tal-fehma illi jirrizultaw certi tratti fl-atteggjament tal-attur wara li l-partijiet izzewgu illi huma indikativi tal-animu li bih dahal ghaz-zwieg de quo. Il-komportament tieghu, wara z-zwieg, fil-konfront tal-konvenuta, hu karatterezzat bl-assoluta indifferenza tieghu versu martu. Sa mill-ewwel granet wara z-zwieg tal-partijiet ma kien hemm l-ebda inizzjattiva da parti tieghu li

jinvolvi u jinkludi lill-konvenuta bhala s-siehba ta' hajtu, li jaqsam maghha il-hsiebijiet tieghu, il-progetti kommuni taghhom, li jissorprendiha okkazzjonalment b'xi rigal jew ghall-anqas b'xi kumpliment. Gie sodisfacentement ippruvat illi l-kuncett ta' mara fiz-zwieg, ghall-attur kien iffisser li isseftirlu, izzommlu id-dar nadifa u li ssajjarlu, u dan minghajr l-ebda assistenza jew ghajnuna da parti tieghu. B'kuntrast maz-zmien qabel iz-zwieg, appena l-partijiet izzewgu mhux biss kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom, izda invarjabbilment l-attur kien jsegwi il-parir ta' ommu biss minflok jiddiskuti u jiddecidi wara li jkun iddiskuta ma' martu, l-konvenuta.

Rilevanti wkoll hi l-esperjenza infelici li kellhom fl-intimita' sesswali ta' bejniethom. Irrizulta li l-attur kien sar kwazi ossessjonat li l-konvenuta m'ghandiex tinqabad tqila. Ma kienx kuntent li hi tiehu il-pillola, beda jissospetta li ma kienitx tohodha, joqghod ghassa ghaliha biex jaccerta ruhu li tohodha u xorta wahda juza condom u in oltre ma jegekulax fiha.

Gie sodisfacentement ippruvat illi l-konvenuta riedet it-tfal sahansitra minn qabel ma l-partijiet izzewgu. L-attur ma kienx qalilha li huwa ma riedx tfal anke wara li jizzewgu. Pero' wara li zzewgu kien igib kull skuza sabiex ma jkollhomx tfal. Irrizulta, in oltre, li fl-ossessjoni li kellu li ma jkollhomx tfal, kemm qabel, pero' aktar important, wara z-zwieg, hu kien qed jeskludi xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga' imsemmija fid-decizjonijiet citati 'supra'; ma kienx hemm il'consortium vitae' cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja, u dan fit-termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255.

**Dwar il-Konvenuta**.

L-attur minn naha tieghu sostna li l-konvenuta ma kellha l-ebda intenzjoni li tizzewwgu u tassumi r-responsabiltajiet taghha fiz-zwieg. Jghid li l-konvenuta zzewwgitu semplicement biex titlaq minn pajjizha u tisstabilixxi r-residenza taghha hawn Malta, fejn anke tista' issib impieg fil-linja taghha, billi f'pajjizha kkwalifikat bhala ghalliema tal-Ingliz. Skond l-attur, il-fatt kif inbiddlet radikalment, f'tant zmien qasir hu konferma ta' dan. Skond l-attur, li hu kkorroborat minn membri tal-familja tieghu, qabel iz-zwieg kienet tinhabb mieghu u tikkuntentah f'kollox, billi kienet issajjar, tnaddaf u zzomm id-dar nadifa hafna, pero' immedjatament wara z-zwieg abbandunat kemm lilu, lill-familja tieghu, kif ukoll id-dar.

Id-difiza tal-konvenuta dwar dan hi li kienet ommu stess li l-ewwel darba semmiet zwieg f'qasir zmien meta kienu il-Belt fid-dipartiment biex jiggedded il-visa, u dwar n-nuqqas ta' ndafa fid-dar, ddikjarat li meta ma kienitx tahdem kellha il-hin biex tnaddaf, izda wara li impjegat ruhha bhala ghalliema ma kellhiex hin billi wara x-xoghol kienet taghti l-privat, u tipprepara ghal ghada.

Mill-provi pero’ rrizulta li l-verzjoni tal-konvenuta mhiex kredibbli. Dwar id-dar irrizulta mhux biss disinteress izda abbandun totali. Li wiehed minhabba x-xoghol jhalli xi platt jew kikra fis-sink hu accettabbli, izda mhux il-platti ta’gimgha shiha. Anke l-Kappillan li mar ibierek id-dar kellu jigi avzat mill-attur biex jmur aktar tard, biex jsir it-tindif. L-attur jilmenta li immedjetament wara z-zwieg l-konvenuta saret bierda ghall-ahhar mieghu, u l-att sesswali sar bhal qadi ta’ xi dover, ta’ bil-fors u bla emozzjoni. Jirrizulta wkoll li ftit taz-zmien wara l-konvenuta kellha relazzjoni ma’ Bulgaru, kellha tarbija minnhu, u marret tghix mieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi ghall-kaz in dizamina huwa applikabbli Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 li jipprovdi illi “…….zwieg ikun null:

- omissis -

(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.”

Ezaminati l-provi kollha mressqa, huwa evidenti illi sew l-attur kif ukoll il-konvenut fil-mument li kienu qed jikkontrattaw iz-zwieg taghhom kienu qed jeskludu diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Il-kambjament drammatiku fuq iz-zewg nahat appena zzewgu huwa tant prossimu ghall-jum tat-tieg illi ma jhalli l-ebda dubju fil-fehma tal-Qorti li l-kunsens tat-tnejn li huma kien ivvizjat fil-jum tat-tieg taghhom. L-attur ma kellu l-ebda hsieb illi l-partijiet jghixu hajja matrimonjali fejn iz-zewg konjugi jaqsmu u jerfghu ir-responsabbiltajiet li z-zwieg igib mieghu. Di piu’ l-attur kien mill-bidunett taz-zwieg eskluda li l-partijiet ikollhom l-ulied u dan minghajr ma qal lill-konvenuta bil-vera intenzjoni tieghu qabel iz-zwieg. Mill-banda l-ohra il-kambjament drammatiku li ghamlet il-konvenuta appena zzewgu huwa evidenza cara illi fil-verita’ dak li kien jinteressa lill-konvenuta ma kienx iz-zwieg izda li z-zwieg ikun mezz kif takwista l-permess li tirrisjedi permanentement f’Malta. Id-dikjarazzjoni taghha illi bl-attur jew minghajru xorta kien ser jirnexxielha tibqa’ tghix Malta tikkorrobora dak sostnut mill-attur fir-rigward.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li takkolji parzjalment ir-risposta guramentata tal-konvenuta kif fuq deciz, tilqa’ parzjalment it-talbiet attrici bil-mod kif fuq deciz, u

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fit-18 ta’ Gunju 2010 stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-

elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li jsir l-annotament ta' din is-sentenza fl-att taz-zwieg relattiv fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**